Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Fl-atti tat-Talba CCT 144/22/F

Stefano Lazzè

vs

Cleaven Ray Mizzi u b'digriet tat-Tribunal tat-23 ta' Ottubru 2023 l-Avviż ġie koreġut biex jaqra' "Kencar Group Limited (C-86570)"

Illum, 5 ta' Frar 2024

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar il-5 ta' Ottubru 2022 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata fil-31 ta' Ottubru 2022;

Ra d-dokumenti;

Sema' x-xhieda bil-ġurament tar-Rikorrent waqt is-seduta tad-19 ta' Ġunju 2023;

Ra ir-rapport *ex parte* redatt mill-Perit Stephen Psaila fuq inkarigu tar-Rikorrent;

Ra l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ottubru 2023 fejn l-Avviż tat-Talba ġie koreġut biex jaqra' "Kencar Group Limited (C-86570)" u li l-azjenda intimata tat-ruħha b'notifikata bl-atti;

Ra li t-Tribunal iddikjara l-istadju tal-ġbir tal-provi magħluq u b'hekk it-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidra:

Illi permezz tat-Talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallsu l-ammont ta' **tlett mitt Euro (€300.00)** rappreżentanti l-valur ta' xogħolijiet rimedjali kif ukoll tal-ispezzjoni u rapport peritali. Dan l-ammont ġie likwidat mill-Perit Stephen Psaila fuq inkarigu tar-Rikorrent u skont ma jsostni r-

Rikorrent, ix-xogħol huwa neċessarju sabiex jirrimedja toqob magħmula bl-addoċċ fil-faċċati ta' quddiem u ta' wara tal-fond tiegħu minn ħaddiema tal-azjenda intimata waqt installazzjoni ta' AC units.

Illi l-azjenda intimata tilqa' għal din it-Talba billi ssostni li l-inkarigu tagħha kien limitat għall-installazzjoni tal-AC units u bl-ebda mod ma kien jinkludi t-tħaffir tat-toqob fil-ħitan biex jgħaddu l-konnessjonijiet. Issostni ukoll illi hija kienet avżat lir-Rikorrent, bħal ma tagħmel ma kull klijent, li wara l-installazzjoni jrid jiġi nkarigat kaħħal/bajjad sabiex ikaħħal it-toqob li jkunu saru u allura a bażi ta' dan, id-dimensjoni u l-mod ta' kif saru t-toqob huwa irrelevanti la xortawaħdu riedu jitkaħħlu.

Illi fir-rapport tiegħu, il-Perit Stephen Psaila jagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"The inspection was requested since damages to masonry blocks and to wall exteral finishes occurred during the installation during the installation of air-conditioner units.*
>
> *One of the damages is located in the front facade and two are located at the back facade [...] The masonry block sheared during the coring works. This happened because the corer was not given enough time to cut the block slowly and the resultant outwards force applied by the operator caused the shearing of the block. The damage could have been avoided with more careful use of the corer. [...] The two damages at the back-facade are identical in nature."*

Illi għalhekk, ma hemmx dubju li x-xogħol ta' titqib waqt l-installazzjoni tal-AC units seta' sar aktar bil-galbu. Madankollu, it-Tribunal irid iqis ukoll is-sustanza tad-difiża sollevata mill-azjenda intimata.

Illi skond il-prinċipji ġenerali tad-dritt in materja ta' adempjenza kuntrattwali, l-appaltatur, kif f'dan il-każ hija l-azjenda intimata, għandu jassikura li x-xogħol lilu kommess ikun ser isir utilment u mhux b' mod li juri difetti jew li addirittura jiddanneġġju l-proprjetà tal-konsumatur. L-obbligu primarju jibqa' dejjem li "l-appaltatur hu obbligat jeżegwixxi l-opra miftehma skond is-sengħa" (Kollez. Vol. XLI P II p 892). Dan fis-sens li "*l' imprenditore ha l' obbligo di eseguire bene l' opera commessagli secondo i dettami dell' arte suo, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria*" (Kollez. Vol. XXVII P I p 374). Għalhekk, in prinċipju, dak li qed titlob ir-Rikorrenti jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tiegħu bħala konsumatur għax hu, ladarba inkariga persuna ossija entità teknika sabiex tagħmel ix-xogħol, kellu kull dritt li jippretendi li dan ix-xogħol isir sewwa u kif miftiehem u *multo magis* li ma ssirx ħsara fil-proprjetà tiegħu in kors tax-xogħlijiet.

Illi mill-banda l-oħra, għandha parti raġun l-azjenda intimata ukoll għax irispettiv mill-fatt jekk it-toqob għas-servizzi tal-AC units isirux b'galbu kbir jew inkella jsirux bl-addoċċ (kif sfortunatament ġara f'dan il-każ), xortawaħda l-prattika tajba titlob li s-sid tal-fond jieħu ħsieb li wara li jeħel l-AC, it-toqob jitkaħħlu sewwa sabiex ma jkunx hemm ingress tal-ilma u trabijiet u għalhekk, f'dan il-każ jekk żdiedet l-ispiża tat-tikħil għar-rikorrent, ċertament ma kienitx xi żieda kbira ħafna.

Għalhekk, wara li qies sewwa l-provi u ċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal qed jilqa' t-Talba *in parte* u jgħaddi biex *arbotrio boni viri* jillikwida s-somma ta' mija u ħamsin Euro (€150) dovuta bħala danni lir-Rikorrent mill-azjenda intimata.

Deċiżjoni:

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha *in parte* u filwaqt li jillikwida s-somma ta' mija u ħamsin Euro (€150) bħala danni dovuti lir-Rikorrent mill-azjenda intimata, jikkundanna lill-azjenda intimata sabiex tħallas lir-Rikorrent dan l-ammont hekk kif likwidat. L-Imgħax jgħodd minn din is-sentenza.

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tal-azjenda intimata.

Avv. Mattia Felice
Arbitru